MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 406/2008/1

**Tabib Principali tal-Gvern**

**vs**

**Hazel Pannel**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta’ Dicembru, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti provvediment ghar-rikors ta’ Hazel Pannel li permezz tieghu hija talbet ir-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 3389/2008 fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti;
>
> Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti talab li jkun revokat il-mandat ta’ sekwestru fuq riferut;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Tabib Principali tal-Gvern kif verbalizzata waqt is-seduta tad-19 ta' Dicembru, 2008;

Semghet lill-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi kif jirrizulta mill-atti, dan ir-rikors kien intavolat wara li t-Tabib Principali tal-Gvern ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv u dan kien ezegwit fuq flejjes appartenenti lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti qed titlob ir-revoka ta' dan il-mandat stante li l-flejjes kolpiti bl-istess huma provenjenti minn pensjoni moghtija lilha mill-Gvern Ingliz. Jirrizulta illi din il-pensjoni kienet inghatat lilha f'somma b'mod retroattiv u ghalhekk kien hemm flus sufficjenti fil-kont bankarju biex tkun sodisfatta l-pretensjoni tat-Tabib Principali tal-Gvern.

Illi l-art 381 (1) (b) tal-Kap 12 jipprovdi li ma jistghux jinhargu mandati ta' sekwestru fuq beneficcju, pensjoni, *allowance* jew ghajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta` Socjali jew pensjoni jew *allowance* ohra ta' persuna li tinhargilha pensjoni minghand il-Gvern. Ma ghandu jkun hemm ebda ekwivoku fil-qari ta' dan l-artikolu li tali pensjoni jehtieg li tkun temergi jew mill-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali jew moghtija mill-Gvern u li l-Gvern huwa dak tar-Repubblika ta' Malta. Il-Qorti ma tistax takkolji t-tezi tar-rikorrenti li l-Gvern tinkludi kull gvern iehor oltre dak ta' Malta. L-artikolu in dizamina jirraviza "il-Gvern" u mhux "gvern" u dan ifisser li dik il-pensjoni jehtieg li tkun provenjenti mill-Gvern ta' Malta.

Ghal dawn il-mottivi, stante li l-pensjoni ossia l-flus kolpiti minn dan il-mandat, mhumiex protetti bl-Artikolu 381 (1) (b) tal-Kap 12, tichad it-talba.**"**

Ir-rikorrenti Hazel Pannel appellat minn dan il-provvediment biex titlob ir-revoka tieghu. L-aggravju taghha huwa artikolat bis-sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet konkluzjoni zbaljata tal-punti ta' ligi applikabbli u erronjament iddecediet illi l-pensjoni taghha kolpita bil-Mandat ta' Sekwestru ma kienetx protetta bl-Artikolu 381 (1) (b) tal-Kapitolu 12. F'dan il-kuntest l-appellanti tikkollega ruhha ghal certi principji tad-dritt komunitarju, senjatament l-Artikoli 12 u 43 tat-Trattat, biex tghid li dik il-pensjoni, ghalkemm mhux mahruga mill-Gvern Malti, kellha, xorta wahda, tircievi protezzjoni;

L-antecedenti li taw lok ghall-kawza kienu fil-qosor dan li gej:-

(1) Bejn il-5 u s-7 ta' Settembru, 1996 u, wkoll fis-27 ta' Gunju, 1997, l-appellanti nghatat kura fl-Isptar San Luqa;

(2) L-appellat ippretenda l-hlas ghal din il-kura u ghadda biex b'ittra ufficcjali tas-27 ta' Mejju, 1998 jinterpella lill-appellanti ghall-pagament tas-somma dovuta. Dan fit-termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12;

(3) L-appellanti introduciet talba quddiem il-Qorti biex tikkontesta r-reklamar maghmul mill-appellat. B'sentenza tal-11 ta' Ottubru, 2004 l-istess talba giet mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) michuda;

(4) Fis-17 ta' Novembru, 2008 l-appellat talab u ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv (Numru 3389/2008) u dan gie servut f'idejn il-Banek principali f'Malta;

(5) B'Cedola ta' Depozitu tal-5 ta' Dicembru, 2008 l-Bank of Valletta ghadda ghad-depozitu taht l-awtorita` tal-Qorti tas-somma ta' €910.62 li kienet tinsab fil-kont bankarju ta' l-appellanti;

Bir-rikors taghha tal-15 ta' Dicembru, 2008 u li wassal ghall-provvediment ta' l-ewwel Qorti issa oppunjat mill-appellanti, din attakkat l-ordni tal-hrug tas-Sekwestru fuq il-motivi illi l-flus issekwestrati kienu effettivament minn natura ta' pensjoni percepita minnha taht l-iskema UK State Pension u, konsegwentement, ma kienux sekwestrabbli. Ghas-sostenn ta' din il-kontenzjoni taghha l-appellanti tirrikorri ghad-dispost ta' l-Artikolu 381 (1) (b) tal-Kodici ritwali li jipprovdi li ma jistghux johorgu mandati ta' sekwestru, *inter alia*, fuq "beneficcju, pensjoni, *allowance* jew ghajnuna imsemmija fl-Att dwar is-Sigurta` Socjali jew pensjoni jew *allowance* ohra li tinhargilha pensjoni minghand il-Gvern";

Ghandu jigi osservat bi preliminari illi l-ezenzjonijiet li l-ligi procedurali telenka fl-Artikolu 381 huma disposizzjonijiet eccezjonali restringenti l-ezercizzju tad-dritt legittimu tal-kreditur biex jirkupra flejjes dovuti lilu bis-sahha ta' Mandat ta' Sekwestru. Jinghad, difatti, illi "*le disposizioni per cui la legge in alcuni casi esenta dalla soggezione ai diritti del creditore certi beni del debitore sono eminentemente eccezionali al principio che tutti i beni presenti e futuri sono la garanzia del creditore, principio consacrato anche espressamente nello articolo 1763 dell'Ordinanza VII del 1868 (*illum Artikolu 1994 tal-Kodici Civili*) e pertanto tali disposizioni eccezionalissime sono di strettissima interpretazzione*" u, allura, "*all'interprete della legge non è lecito sostituire la sua opinione alla volonta del legislatore, formalmente espressa in una disposizione di cui il testo è chiaro*". Ara "**Antonio Pule` -vs- Negte. Giuseppe Borg**", Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' Ottubru, 1927. Fi ftit kliem, dan ifisser illi kull disposizzjoni singola prevvista mill-Artikolu 381 ma tistax tigi estiza oltre il-kazijiet f'dan l-istess artikolu espress. Ara f'dan l-istess sens ukoll id-decizjonijiet "**Bonnici -vs- Starkey**" (Prim' Awla, 2 ta' Ottubru, 1900), "**Francesca Florez Cruz Soler -vs- Giuseppe Formosa**" (Appell Civili, 24 ta' Jannar, 1939) u "**Veronica Conti -vs- Victor Conti**" (Prim' Awla, 20 ta' Marzu, 1957);

Premess dan, l-appellanti xorta wahda tippretendi illi x-xorta ta’ pensjoni minnha ricevuta kellha tkun interpretata fis-sens ta’ l-insekwestrabilita taghha a sensu ta’ l-Artikolu 381 (1) (b) biex, a norma tat-Trattat ta’ l-Unjoni Ewropeja, tigi evitata diskriminazzjoni bejn ic-cittadini tad-diversi Stati Membri. Fuq il-punt din il-Qorti tikkonkorda pjenament ma’ l-osservazzjoni ta’ l-appellat kontenuta fir-risposta ta’ l-appell tieghu fis-sens illi, kif artikolat, id-dispost tal-ligi ma jikkreja ebda diskriminazzjoni bhal din. Huwa korrettement jissottometti illi l-imsemmi artikolu jipprotegi l-beneficjarji tal-pensjoni mahruga mill-Gvern Malti sija jekk huma ta’ nazzjonalita` Maltija jew barranija, attiz li jkunu thallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali. Dak li, invece, ma jircevix l-istess protezzjoni hi l-pensjoni allokata minn Gvern barrani lil cittadini, sija Maltin jew le. Din il-qaghda parifikatorja ma ggibx id-diskriminazzjoni lamentata mill-appellanti;

Terga’, din il-kontroversja, qajla ticcentra fil-kwestjoni li l-Qorti ghandha quddiemha. L-ezekuzzjoni tal-Mandat ta’ Sekwestru kkolpixxa f’dan il-kaz il-kont bankarju ta’ l-appellanti. Dak il-kont huwa awtonomu mill-fonti tal-flejjes depozitati fih u, allura, strettament l-Artikolu 381 tal-ligi ma jistax lanqas ikollu applikabilita`. Li kieku kellu jigi ragunat mod iehor ikun ifisser illi l-ebda mandat ta’ sekwestru ma jkun jista’ jigi servut f’idejn il-banek jew dan ikollu effett fejn il-kontijiet tad-debitur jkunu jikkonsistu minn depoziti ta’ salarji, paga, pensjonijiet jew flejjes ohra ghal liema tipprovdi l-elenkazzjoni fil-predett artikolu. Dan certament mhux dak li tghid jew trid il-ligi tant li f’din l-istess elenkazzjoni mkien ma huma annoverati d-depoziti bankarji, hu x’inhu s-sors taghhom. Mhux lectu, allura, li, kif esprimew id-decizjonijiet succitati, il-qaghda tas-sekwestru *de quo* tigi estiza oltre dawk l-ezenzjonijiet partikolarizzati dettati f’dak l-artikolu. Isegwi anke minn dan illi dak akkampat mill-appellanti huwa sostanzjalment inaccettabbli u guridikament insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tirrigetta l-appell u tikkonferma l-provvediment tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bl-ispejjez ta’ dan l-appell kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------